MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 971/2007

**Rikors ta' Vebo Limited C – 11513.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' Vebo Limited datat 18 ta' Settembru 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` Vebo Limited giet inkorporata fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disghin (1990) u ghandha kapital awtorizzat ta' Lm4,000 u kapital azzjonarju ta' Lm4,000 u huma mhallsa kollha, u dan kif jirrizulta ahjar minn kopja vera u awtentikata tal-'Memorandum & Articles of Association' tas-socjeta` rikorrenti anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala dokument "VL 1".

Illi l-azzjonisti fis-socjeta` rikorrenti huma Joseph Bonnici li ghandu tliet elef, sitt mija u hamsin (3650) sehem

Ordinarju ta' Lira Maltija (Lm1) kull sehem, u Catherine Bonnici li ghandha tlett mija u hamsin (350) sehem Ordinarju ta' Lira Maltija kull sehem.

Illi d-direttur tas-socjeta` rikorrenti llum huwa Joseph Bonnici, detentur tal-karta tal-identita` numru 578159(M).

Illi s-socjeta` rikorrenti kienet giet imwaqqfa principarjament bl-ghan illi topera restaurant u/jew *catering establishments*.

Illi fl-ewwel snin ta' hidma, is-socjeta` rikorrenti kellha tinvesti sostanzjalment fir-*refurbishment* ta' hanut li hija kienet qieghda topera taht *management agreement*, liema *refurbishment* kien ukoll rikjest jsir maz-zmien minhabba l-Ligijiet Sanitarji li kienu qeghdin jigu nfurzati mill-awtoritajiet koncernati.

Illi li gara pero`, li minhabba li s-socjeta` rikorrenti kienet kostretta taghmel *refurbishment* minhabba l-Ligiet sanitarji u minhabba l-fatt li l-ispejjez tal-elettriku gholew sostanzjalment minhabba s-soprataxxa (*surcharge*) li bdiet tigi mposta fis-snin ricenti, u minhabba wkoll il-fatt li l-kompetizzjoni kibret sostanzjalment waqt li l-konkorrenza naqset bil-kbir, irrizulta li s-socjeta` rikorrenti ma setghetx tlahhaq mal-pagamenti, u kien ghalhekk li d-direttur tas-socjeta` rikorrenti kien ha decizjoni illi jieqaf jezercita n-negozju f'isem is-socjeta` rikorrenti b' effett immedjat.

Illi d-direttur dahal f'negozjati ma' terzi sabiex jipprova jbiegh s-socjeta` nnifisha bhala *'going concern'* a vantagg tal-kredituri izda sfortunatament dawn in-negozjati ma tawx ir-rizultat mixtieq.

Illi fid-dawl tas-suespost, kien ghalhekk illi d-direttur hass illi kellu jipproponi lill-azzjonisti illi s-socjeta` rikorrenti tigi xolta u illi jsir l-istralc taghha bil-Qorti (Dok "VL 2").

Illi l-azzjonisti tas-socjeta` rikorrenti, permezz ta' rizoluzzjoni straordinarja (Dok "VL 3") iddecidew illi jirratifikaw id-decizjoni tal-bord tad-diretturi u qablu illi s-

socjeta` rikorrenti ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-Qorti;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta` rikorrenti qieghda bir-rispett *ai termini* tal-**artikolu 218 (1) (a) tal-Att XXV tal-1995**, titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex: -
1. *ai termini* tal-**artikolu 214 (1) (a) tal-Att XXV tal-1995**, tikkonferma x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` rikorrenti u tghati dawk il-provvedimenti opportuni fic-cirkostanzi.
2. *ai termini* tal-**artikolu 218 (1) (a) tal-Att XXV tal-1995**, tahtar stralcjarju ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u dan taht dawk l-ordnijiet li tista' tispecifika din l-Onorabbli Qorti.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tat-13 ta' Novembru 2007.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2009 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Philip Manduca ghar-rikorrenti li rrimetta ruhu ghal-atti u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas- 17 ta' Novembru 2009

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ix-xhieda hemm moghtija.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija procedura konsegwenti ghad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 214 (1) (a) tal-Kap. 214** fejn il-kumpanija wara li rrizolviet b'rizoluzzjoni straordinarja li jxolji talbet li tkun stralcata mill-Qorti, u tali talba qed issir ukoll skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 218 (1) (a)** tal-istess Kap.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 219 (2)** li d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 218 (1) (a)** gew imharsa b'dan li saret ir-rizoluzzjoni straordinarja tas-socjeta' rikorrenti mill-azzjonisti tal-istess socjeta' datata 14 ta' Settembru 2007 (Dok. "VL3") u dan konsegwenti ghar-rizoluzzjoni datata 14 ta' Settembru 2007 (Dok. "VL2"), u li saret notifika tal-istess rikors lill-Registratur u ghalhekk jezistu l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex tordna l-istralc tal-kumpanija rikorrenti.

Illi jirrizulta li l-istess socjeta' hadet id-decizjoni sabiex il-kumpanija tigi xolta peress li ma hijiex f'posizzjoni li thallas id-djun taghha u is-sitwazzjoni ma tistax tigi rrimedjata u dan jirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Percy Bonnici (affidavit datat 25 ta' Novembru 2008 – fol.32) u minn dak certifikat minn Brian Spiteri fir-rapport guramentat tieghu datat 23 ta' Settembru 2009. Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha **(Rikors ta' Stralc ta' Kidsline Limited** – P.A. (AF) – 22 ta' Frar 2007; **"Dr. Andrew Borg Cardona nomine vs Priceclub (Holdings) Limited et"** – P.A. (TM) – 12 ta' Ottubru 2007) u tappunta bhala stralcarju lil Dr. Marco Ciliberti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti** *ai termini* tal-**artikolu 218 (1) (a) tal-Att XXV tal-1995 – Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta** b'dan illi :-

(1) Skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 214 (1) (a) tal-Att XXV tal-1995**, tikkonferma x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` rikorrenti.
2. Tahtar stralcjarju lil Dr. Marco Ciliberti ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 218 (1) (a) tal-Kap. 386** u dan sabiex jikkonduci l-istralc skont il-provedimenti appositi tal-istess **Kap. 386**.
Il-Qorti tordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lir-Registratur tal-Kumpaniji skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------